**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru, 2018.**

**Talba Nru: 276/2017PA**

**Chef's Choice Limited**

**vs**

**Moħammed Al Żamati**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-2 ta' Ġunju 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi ppremettiet li l-konvenut huwa debitur tagħha fis-somma ta' elfejn, tmien mija, disgħa u ħamsin Ewro, disgħa u sebgħin ċenteżmu (€2,859.79ċ), rappreżentanti flus appartenenti lis-soċjeta' attriċi li l-konvenut naqas li jgħaddi lill-istess soċjeta' attriċi; u li minkejja li ġie debitament interpellat biex iħallas, huwa baqa' inadempjenti. Għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha din is-somma, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra bonarja tat-18 ta' April 2017, u bl-imgħax legali mid-data tat-talba.

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa li l-allegat debitu ma jirriżultax billi t-transazzjoni qatt ma saret u ma jaħtix għal kull nuqqas li seta' kien hemm, aktar u aktar billi ma kienx ix-xogħol [li] għalih ġie mpjegat.

Sema' lix-xhieda mressqa mill-partijiet, u ra d-dokumenti ppreżentati minnhom.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li s-soċjeta' attriċi Chef's Choice Limited, ġa prinċipal tal-konvenut Moħammed Al Żamati, qed tipprosegwi kontra dan l-impjegat passat tagħha għar-rimbors ta' somma flus li tgħid li żamm indebitament għandu, minkejja li tappartjeni lilha, meta kien obbligat jikkonsenjaha fl-uffiċju prinċipali tagħha.

Is-soċjeta' attriċi ressqet b'xhud tagħha lil **Wayne Mizzi**, kontrollur finanzjarju tagħha.[1]

Mizzi xehed li fi Frar 2017, il-konvenut kien impjegat mas-soċjeta' attriċi bħala xufier. Spjega li s-soċjeta' attriċi topera mill-uffiċju prinċipali tagħha f'Wied il-Għajn, pero' għandha diversi ħwienet imqassma ma' Malta u Għawdex. Bħala proċedura, il-kaxxiera f'dawn il-ħwienet ikollhom *security bag* – li hija borża tal-plastik partikolari bħal dik eżibita mix-xhud fl-atti[2], li tingħalaq. Il-parti ta' fuq tal-borżatinqata' bħala riċevuta li żżomm il-kaxxiera tal-flus li tkun ikkonsenjat fil-borża li tgħaddi lix-xufier. Ix-xufier jintalab imur fil-ħanut partikolari jiġbor il-borża wara li tkun ingħalqet u ġiet siġillata mill-kaxxiera, u jġorrha sal-uffiċju prinċipali f'Wied il-Għajn. Kemm fuq ir-riċevuta li żżomm il-kaxxiera, u anke fuq il-borża li jieħu x-*xufier*, ikun hemm numru identiku li jgħaqqad ir-riċevuta mal-borża. Fuq ir-riċevuta jiffirma x-xufier b'konferma li

[1] Ara xiehda, 7.11.2017, fol. 13-15
[2] Fol. 17

l-borża relattiva tkun ġiet konsenjata lilu. Fuq il-borża nnifisha jkun hemm miktub l-ammont ta' flus li jkun hemm fiha.

Ix-xhud kompla jgħid li l-inċident mertu ta' din il-kawża ġara fit-23 ta' Frar 2017, meta l-konvenut kellu jġorr il-flus mill-ħanut ta' San Pawl il-Baħar għall-uffiċju prinċipali. Fl-uffiċju prinċipali, is-soċjeta' attriċi għandha persuna nkarigata li tara li l-flus li jkunu ntbagħtu Wied il-Għajn filfatt jaslu Wied il-Għajn. Dan il-persuna jismu Saviour Ghirxi. F'din l-okkażjoni, Saviour Ghirxi nforma lix-xhud li kienu waslu għandu tlett boroż tal-ħanut ta' San Pawl il-Baħar, minflok l-erba' boroż li għalihom kien iffirma l-konvenut. Ir-riċevuti li kellha l-kaxxiera ta' San Pawl il-Baħar għal dawn l-erba' boroż jinsabu wkoll eżibiti fl-atti[3]. Fuq dawn l-erba' riċevuti, hemm il-firma tal-konvenut. Borża minnhom – bin-numru 3317165 – ma waslitx Wied il-Għajn. Dawn l-erba' riċevuti x-xhud qal li ġabarhom mingħand il-kaxxiera – ċertu Janice Vassallo – l-għada tal-okkorrenza. Qal li ra wkoll il-filmat tal-kamera tas-sigurta'[4], u jidhru qed jiġu ffirmati erba' riċevuti.

Ix-xhud xehed ukoll li, wara dan, kien kellem lill-konvenut, u l-ewwel reazzjoni ta' dan kienet li ma jiftakarx jekk ġabarx tlett boroż jew erba' boroż mingħand il-kaxxiera f'San Pawl il-Baħar, għalkemm kien ċert li lil Ghirxi kkonsenjalu tlett boroż.

Ix-xhud qal ukoll li x-xufiera jżommu djarju tas-soċjeta' attriċi li fuqu jiktbu n-numri tal-boroż konsenjati lilhom, u minnhom fl-uffiċju prinċipali. F'dan il-każ, Janice Vassallo kitbet li kkonsenjatlu erba' boroż, bin-numri relattivi tagħhom. Numru minnhom kien jidher doppju u jaqra 3317168, u kien hemm nieqes in-numru 3317165. Il-borża li ma ġietx konsenjata, u li n-numru tagħha ma jidhirx fid-djarju, kien fiha l-aktar flus dakinhar. Il-flejjes li kien hemm fiha huma l-istess li s-soċjeta' attriċi qed tipprova tirkupra b'din l-azzjoni.

---

[3] Fol. 18
[4] Fol. 19

In kontroeżami, Wayne Mizzi spjega li dawn il-boroż jinġiebu mis-soċjeta' attriċi apposta mill-Inġilterra, u n-numri jkunu stampati fuqhom u ma jkunux ripetuti. Solitament, ir-riċevuti tal-boroż jinzammu mill-kaxxiera, pero' f'dan il-każ kien ġabarhom hu għall-investigazzjoni.

Meta kompla jixhed in kontroeżami[5], Wayne Mizzi qal li kull numru ta' kull borża tal-flus huwa uniku, u m'għandux ikun ripetut. Huwa stqarr li d-djarju kien u baqa' għand il-konvenut sa ftit ġranet qabel xehed hu. Qal li m'għandux spjegazzjoni għal li l-istess numru ta' borża jidher miktub aktar minn darba f'pagni differenti tad-djarju. Meta jaslu l-flus, u jiġi rikonċiljat l-ammont konsenjat mal-ammont mibgħut, is-soċjeta' attriċi ma tagħmilx aktar verifiki, u ma żżommx dokumentazzjoni. Il-flejjes li għandhom jiġu konsenjati fl-uffiċju prinċipali jiġu verifikati wkoll miż-*'Z reading'* tal-*cash registers* miżmuma fil-ħwienet individwali, li jiġi konsenjat issiġillat fl-uffiċju prinċipali.

Ix-xhud qal li mhux involut fit-teħid tal-filmat tas-sigurta', filwaqt li ċaħad li preżentement hemm impjegati qed iħallsu lis-soċjeta' attriċi bin-nifs, in konnessjoni mad-dmirijiet eżegwiti fil-ħanut ta' San Pawl il-Baħar. Fil-passat qal li kien hemm każ wieħed hekk. Ix-xhud ma kkonfermax li kienet ġiet konsenjata borża tal-flus żejda ma' dawk reġistrati bħala mibgħuta minn dan il-ħanut.

Meta kompla jixhed in kontroeżami[6], Wayne Mizzi tenna li ma kellux spjegazzjoni għal li l-istess numru jidher f'pagni differenti tad-djarju. Ħdejn dawn in-numri huwa mitlub jiffirma min jirċievi l-boroż bil-flus fl-uffiċju prinċipali. Fuq paġna minnhom għaraf il-firma tiegħu ħdejn numru, pero' mill-bqija ma ftakarx jekk kienx preżenti għall-konsenja tal-boroż l-oħra annotati fid-djarju, jew x'uħud minnhom. Eventwalment, il-boroż jinfetħu mill-kaxxiera tal-uffiċju prinċipali, li tieħu fiżikament il-flus ta' ġol-boroż u tiddepożitahom il-bank. Ix-xhud qal li kien hemm okkażjonijiet oħra

[5] Ara xiehda, 21.2.2018, fol. 30-32
[6] Ara xiehda, 30.5.2018, fol. 45-47

li fihom is-soċjeta' attriċi rċeviet anqas flus milli kellha reġistrat li suppost irċeviet mill-ħanut tagħha f'San Pawl il-Baħar. Id-diskrepanza kienet tammonta għal mijiet ta' Ewro.

Fir-rieżami, ix-xhud ippuntwalizza li din id-diskrepanza fil-flus ma gratx biss dwar boroż li ntbagħtu mill-ħanut ta' San Pawl il-Baħar, imma anke minn ħwienet oħra li għandha s-soċjeta' attriċi.

Is-soċjeta' konvenuta ressqet ukoll b'xhud tagħha lil **Salvu Ghirxi**,[7] li kkonferma li fiż-żmien in kwistjoni kien impjegat magħha. Qal li xogħlu kien li jistenna lix-xufiera jiġu lura bir-*returns*, u mar-*returns* ikun hemm il-flus li jkunu ġew inkassati fil-ħwienet tal-kumpanija. F'dan il-każ, il-konvenut ikkonsenjalu tlett boroż, minflok erbgħa, kif kellu annotat fid-djarju tiegħu. Immedjatament wara, tela' jiġri fuq u ċempel lit-tfajla li kienet bagħtet il-flus – Janice – u din qaltlu li bagħtet erba' boroż tal-flus, u li kellha l-erba' riċevuti relattivi f'idejha.

Ix-xhud qal li din ma kinetx l-unika darba li l-konvenut ġie b'borża tal-flus nieqsa. Ftit żmien wara dan l-inċident, kien reġa' ġara l-istess, u x-xhud qal li kien mar jirrapporta dan immedjatament lis-sid tal-kumpanija, u dan niżel u widdeb lill-konvenut biex isib il-borża n-nieqsa, u l-konvenut sabha ftit tal-ħin wara.

In kontro-eżami, Ghirxi qal li huwa jiffirma fid-djarju meta jaqbel ma' dak li jkun hemm miktub li kellu jiġi konsenjat. Qal li ilu jaħdem mas-soċjeta' attriċi mas-sittax jew sbatax-il sena, pero' ma ftakarx kemm dam jaħdem magħha, u jiġbor flus għaliha, il-konvenut.

Meta kompla jixhed in kontroeżami[8], Ghirxi iċċara li, bil-firma tiegħu fuq id-djarju, huwa kien ikun qed jikkonferma li kien irċieva l-boroż tal-flus li jkun hemm immarkat fuqhom in-numru indikat fuq il-paġna tad-djarju. Żied jgħid li, wara dan,

---

[7] Ara xiehda, 7.11.2017, fol. 20-21
[8] Ara xiehda, 206.2018, fol. 51-52

huwa kien jieħu l-boroż issiġillati u jpoġġihom fis-*safety deposit box* tal-kumpanija attriċi.

Xehdet ukoll **Janice Vassallo**,[9] kaxxiera mas-soċjeta' attriċi. Hija qalet li taħdem bħala kaxxiera, fi ħwienet differenti, u li fid-data tal-każ mertu ta' din il-kawża ħadmet fil-ħanut ta' San Pawl il-Baħar.

Hija rrakkontat li kien mar għandha x-xufier li għarfet fl-Awla bħala l-konvenut, daħħal ix-xogħol u ppustjawh, u mbagħad tatu l-pakketti tal-flus. Qalet li marret ġabithom mis-*safe*, kitbithom fuq id-djarju, u tatu erba' pakketti filwaqt li żammet l-erba' riċevuti relattivi tagħhom, li għarfithom bħala dawk eżibiti mix-xhud Wayne Mizzi. Qalet li l-kitba ta' fuq ir-riċevuti mhix tagħha, imma ta' kollega tagħha li kienet ġabret il-flus fil-ġurnata ta' qabel, ċerta Lourdes. Il-konvenut iffirma fuq l-erba' riċevuti, fil-presenza tagħha. Qalet ukoll li kitbet in-numri tal-erba' boroż fuq id-djarju tal-konvenut. Mistoqsija mit-Tribunal jekk ħaditx xi żball f'xi wieħed min-numri, ix-xhud wieġbet li ma kinetx taf. Kompliet tgħid li, xi ħin wara, kien ċemplilha Saviour Ghirxi u staqsieha kemm kienet bagħtet boroż u ħi wegbitu li kienet bagħtet erba' boroż, filwaqt li hu kkummentalha li tlieta biss kienu waslu. Qalet li mbagħad ivverifikat mal-filmat tas-sigurta' li filfatt kienet ikkonsenjat erba' boroż tal-flus lill-konvenut.

Is-soċjeta' attriċi pproduċiet ukoll b'xhud tagħha lid-direttur tagħha **Joseph Mizzi**.[10]

B'żieda max-xiehda tal-impjegati l-oħra, Mizzi qal li meta ġara l-każ, kienu marru fl-uffiċju tiegħu Saviour Ghirxi u l-konvenut, u qalulu b'li kien ġara. Qal li l-konvenut taħ diversi ipoteżijiet ta' x'seta' ġara biex ikkonsenja borża anqas milli kienu ġew konsenjati lilu mill-kaxxiera. Qal li ħu nsista li din il-borża tinstab. Huwa kompla jgħid li kien anke kellem lill-kaxxiera li kkonsenjat il-boroż, u li l-verżjoni tagħha kkonfermaha mal-filmat tas-sigurta'. Bħal Ghirxi, Mizzi qal li din l-okkorrenza reġgħet irrepetiet ruħha

[9] Ara xiehda, 7.11.2018, fol. 22-23
[10] Ara xiehda, 21.2.2018, fol. 27-29

xi ġimgħat wara, pero' f'dik l-okkażjoni l-oħra l-konvenut sussegwentement sab il-borża, li qal li kienet waqgħetlu fit-trakk.

Ix-xhud qal ukoll li, fl-istess żmien, il-bank APS kien avżahom li fil-boroż konsenjati mill-konvenut kien hemm anqas flus minn kemm kien hemm immarkat fuqhom li kellu jkun hemm fihom. Qal li mar personalment fl-uffiċju prinċipali tal-bank, u tkellem mal-*manager*, li urieħ il-boroż in kwistjoni u nduna li dawn kienu mbagħbsa, għaliex taħt is-siġill li kien hemm taħt il-boroż kien maqtugħ b'xafra u mwaħħal b'*tape* trasparenti. Qal li, meta ra hekk, għamel rapport lill-Pulizija Eżekuttiva.

Ix-xhud irrakkonta wkoll li, fl-istess żmien, kien kellmu min kien jikri proprjeta' lill-konvenut, u qallu li dan kien waqa' lura fil-ħlasijiet, u kien qed jistenna l-paga biex iħallas il-kera.

In kontroeżami, ix-xhud qal li qatt ma kien infurmat li l-konvenut ikkonsenja boroż b'numri li ma kinux miktuba fid-djarju. Qal li mhux involut fit-tħaddim tas-sistema ta' verifika tal-flus li jinġabru mill-ħwienet u jiġu konsenjati fl-uffiċju prinċipali, u li jidhol biss fejn ma jaslux il-flus konsenjati. Ix-xhud ċaħad li hemm impjegati li ħadmu fl-uffiċju tas-soċjeta' attriċi f'San Pawl il-Baħar li qed jirrifondu flejjes lis-soċjeta' attriċi.

Is-soċjeta' attriċi għamlet diversi tentattivi biex tressaq b'xhud tagħha lil Lourdes Galea, pero' dawn it-tentattivi fallew. Is-soċjeta' attriċi eventwalment irrinunzjat għal din ix-xhud.

Il-konvenut ippreżenta kopji fotostatiċi ta' pagni mid-djarju[11] miżmum minnu in konnessjoni max-xogħol li kien jagħmel għas-soċjeta' attriċi. Il-veraċita' tagħhom kienet konfermata mid-difensur tal-konvenut.

Il-konvenut ipproduċa b'xhud tiegħu lil **Ronnie Aġius[12]**, impjegat mas-soċjeta' attriċi bħala *stacker* fis-*supermarket* tagħha, li kien jagħmel ix-xogħol ta' Saviour Ghirxi

---

[11] Fol. 39 sa 43

meta dan ma jkunx disponibbli. Għaraf il-firma tiegħu fuq xi pagni mid-djarju li kopja tagħha tinsab eżibita fl-atti, u spjega li b'dik il-firma tiegħu huwa kien qed jikkonferma li x-xufier għaddielu l-boroż tal-flus li fuqhom kellhom in-numri elenkati fejn ikun iffirma. Il-marka '√' qal li ma għamilħiex ħu.

Il-**konvenut Moħammed Al Żamati**[13] xehed li kien impjegat mas-soċjeta' attriċi, l-ewwel fl-imħażen tagħha, u mbagħad bħala xufier, iqassam ix-xogħol fil-ħwienet, u jiġbor il-pakketti, bil-flus, karti u kontijiet, u jwassalhom fl-uffiċju prinċipali tal-kumpanija. Qal li s-soċjeta' attriċi kienet tatu djarju, li urieh lit-Tribunal, bi struzzjoni biex fuqu jiġu reġisrati l-boroż li jirċievi mill-ħwienet. Min jagħtihomlu kien jikteb id-dettalji tagħhom, u hu kien jiffirma li rċeviehom. Meta jwassalhom u jikkonsenjahom fl-uffiċju prinċipali, min jirċevihom jiffirma għal dan.

Dwar dan il-każ, qal li meta wasal fil-ħanut ta' San Pawl il-Baħar, l-ewwel għenhom iħott it-trakk, ħalla d-djarju u l-fattura mal-kaxxiera, u mbagħad mar ħdejn il-kaxxiera u fetħet id-djarju biex sabet il-paġna tal-jum. Din kellha l-boroż tal-flus preparati, u ħu ffirma ħdejn dak li kitbet hi. Qal li ħu ma vverifikax x'kienet kitbet il-kaxxiera, partikolarment in-numri tal-boroż. Qatt ma kien għamel dik il-verifika, u lanqas għamilha dakinhar. Qal li jiftakarx kemm tatu boroż il-kaxxiera f'dak il-każ. Wara li ġabarhom, mar għamel l-istess xogħol fil-ħanut tal-Mellieħa, u mbagħad saq lura lejn l-uffiċju prinċipali. Qal li s-soltu jitla' jikkonsenja l-boroż lil Wayne Mizzi, pero' dakinhar sab lil Saviour Ghirxi jistennieh bit-trakk lest mgħobbi, biex isuq lejn iż-Żurrieq, għax kien sar il-ħin, u ta l-borża u d-djarju lil Ghirxi. Sakemm Ghirxi ċċekkja l-flus, il-konvenut qal li sakkar it-trakk li daħal lura bih, u mbagħad Ghirxi għajjatlu u qallu li kellu żball għax kellu żewġ numri l-istess. Huwa wieġbu li ma kienx jaf, għaliex huwa ġab dak li tatu l-kaxxiera. Qal li Ghirxi bagħtu jsuq it-tagħbija sal-ħanut taż-Żurrieq, u xħin daħal lura fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija, reġa' sab lil Salvu Ghirxi, li qallu li minn tal-ħanut ta' San Pawl il-Baħar suppost ikkonsenja erba' boroż, u mhux tlieta kif taħ hu. Qal li mbagħad spiċċa mix-xogħol u mar id-dar.

---

[12] Ara xiehda, 20.6.2018, fol. 53-54
[13] Ara xiehda, 3.7.2018, fol. 58-62

Ix-xhud kompla jispjega li l-għada mar għax-xogħol bħas-soltu, kien is-Sibt, u Ghirxi ma kellmux. Qal li kellmu huwa stess, u Ghirxi wieġbu li l-pakkett kienu għadhom ma sabuhx. Qal li staqsieħ jekk kellux għalfejn jitkellem mal-imgħallem, imma Ghirxi qallu li ma kellux għalfejn. Qal li t-Tnejn ta' wara daħal għax-xogħol b'mod regolari, u reġa' ma kellmu ħadd fuq dan il-każ, u minn jeddu mar ikellem lill-imgħallem, li qallu biex ma jinkwetax, u li dan il-każ ġieli ġara, u li forsi l-pakkett jinstab, u jekk le, il-konvenut iħallas bin-nifs lis-soċjeta' attriċi l-flejjes li ma jkunux twasslu għandha.

Il-konvenut qal li kien ilmenta mal-imgħallem li ma kienx xogħol ix-xufiera li jiġbru l-flus.

Huwa kompla jgħid li, fil-ġurnata tat-Tnejn, kien mar jagħmel l-istess xogħol fil-ħanut ta' San Ġwann, u din id-darba qabbel in-numri fuq iż-żewġ boroż li tatu l-kaxxiera man-numri li kitbet fid-djarju, pero' meta wassalhom fl-uffiċju prinċipali, sab li filfatt kienet tatu tlett boroż u mhux kif kitbet fid-djarju. Qal li, dwar dan, ġibed l-attenzjoni ta' Wayne Mizzi, li kiteb in-numru n-nieqes fuq id-djarju fid-data tas-27 ta' Frar 2017, u għamel notament.[14]

Il-konvenut insista li baqa' jinkwieta fuq dak li kien ġara, u baqa' jistaqsi kuljum. Qal li l-kaxxiera Janice urietu filmat fuq it-telefon ċellulari personali tagħha, li kien juri x'ġara dakinhar, biex tikkonfermalu li kellha x'turi. Spjega wkoll kif eventwalment kellmu Wayne Mizzi u qallu li kien ivverifika x'ġara verament mill-filmati tas-sigurta', u li l-konvenut kellu jirrifondi l-flejjes mhux konsenjati bin-nifs lis-soċjeta' attriċi. Il-konvenut ilmenta li, meta ġara l-istess każ ma' impjegat ieħor, ċertu Steve, is-soċjeta' attriċi ħafritlu aktar minn tlett elef Ewro. Skond il-konvenut, anke l-kaxxiera Janice kienet qed tirrifondi flus lis-soċjeta' attriċi, u mbagħad iddeċidiet li ma tagħtiha xejn aktar.

[14] Dok. AZM1, fol. 63

Il-konvenut iddikjara li rriżenja minn jeddu mill-impjieg li kellu mas-soċjeta' attriċi, għaliex ma riedx jibqa' responsabbli.

In kontroeżami[15], il-konvenut qal li d-djarju baqa' fil-pussess tiegħu wara li temm l-impjieg tiegħu mas-soċjeta' attriċi. Qal li, fl-aħħar jum tax-xogħol, Saviour Ghirxi kien talbu d-djarju u żammu siegħa biex jagħmel il-kopji tiegħu, u mbagħad irritornaħulu mpjegat ieħor tas-soċjeta' attriċi li kkummentalu li fuqu kien hemm numri mbagħbsa. Il-konvenut għaraf il-firma tiegħu fuq il-paġna tad-djarju riferibbli għall-ġurnata meta ġara l-każ in eżami, u kkonferma li l-borża nieqsa kienet waħda minn dawk indikati bin-numru duplikat.

Fuq domanda tat-Tribunal għaliex iffirma ħdejn l-erba' numri meta jsostni li l-kaxxiera kkonsenjatlu tlieta, il-konvenut qal li hu ma setax ikun jaf kemm kien hemm boroż tal-flus għaliex il-kaxxiera tathomlu ġo borża. Qal li hu ffirma fuq erba' slips ta' boroż tal-flus dakinhar, u mbagħad lil Ghirxi qallu li ma kienx jaf kif wassal tlieta biss. Il-konvenut qal li, jumejn wara, kienu serqulu l-basket minn ġot-trakk.

Il-konvenut ċaħad li kellu problemi ta' ħlasijiet ma' sid il-kera.

Il-konvenut ikkonferma li kellu każ kriminali kontra tiegħu deċiż fl-10 ta' Diċembru 2004 li fih kien ammetta għall-akkużi ta' frodi u falsifikazzjoni ta' ċekkijiet.[16]

In ri-eżami, il-konvenut żied jgħid li l-kaxxiera Janice qaltlu li, dakinhar tal-każ, kienet qabdet żewġ boroż tal-flus flimkien, u li l-istess diskors qalulu wkoll Wayne Mizzi. Il-konvenut insista li l-filmat eżibit fl-atti huwa differenti mill-filmat muri lilu minn Janice Vassallo u Wayne Mizzi, għaliex f'dak il-filmat l-ieħor kien jidher it-trakk tiegħu.

Ikkunsidra li:

---

[15] Ara xiehda, 6.11.2018, fol. 66-67
[16] Ara Dok. X1, fol. 68-70

Iż-żewġ naħat jaqblu bejniethom dwar il-proċedura li kienet tuża s-soċjeta' attriċi fl-operat tan-neġozju tagħha, fir-rigward tal-ġbir tal-flus mill-ħwienet u l-konsenja tagħha fl-uffiċju prinċipali tagħha. Il-verżjonijiet tagħhom dwar x'ġara fl-24 ta' Frar 2017 huma pero' differenti għal kollox.

It-Tribunal ra bir-reqqa l-filmat tas-sigurta' ppreżentat fl-atti mis-soċjeta' attriċi, u għalkemm jaqbel ma dak sostnut mid-difensur tal-konvenut fit-trattazzjoni orali tiegħu li l-filmat eżibit mhux il-filmat tas-sigurta' oriġinali, jidhirlu li, aktar iva milli le, huwa kopja vera ta' x'ġara fil-ħin indikat. It-Tribunal fela wkoll il-kitba fuq il-paġna tal-24 ta' Frar 2017 fid-djarju tax-xogħol miżmum mill-konvenut.

Dwar il-grad ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili, il-Qorti tal-Appell tat riassunt ġurisprudenzjali fis-sentenza **Anthony Pace vs Frances Camilleri et**[17]:

*'14. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġjonevoli, hija dik li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din ċ-ċertezza morali rikjesta f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ ta' probabilitajiet. Meta possibilita` mhux suffiċjenti biex tirradika r-responsabilita` ċivili. [PA Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo u Gaetana Rizzo, deċiż 28 ta' April, 2004].*

*15. Il-konflitt fil-provi hija ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant [PA Farrugia vs Farrugia deċiża 24 ta' Novembru, 1966]*

[17] 26.5.2017

*16. Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli [PA George Bugeja vs Joseph Meilak, deċiża 30 ta' Ottubru, 2003; ċitata b'approvazzjoni fil-każ 1041/06 Maurice Meli Bugeja et vs Francis Vella, 24 Ġunju 2016]. Inoltre, huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna illi l-verosomiljanza hija forma ta' korroborazzjoni [PA. Emmanuel Aquilina vs Lorraine Farrugia, deċiża 28 ta' Ġunju, 2001)]*

Wara li qies il-provi kollha mressqa quddiemu, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li s-soċjeta' attriċi rnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-livell meħtieġ, u li l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-konvenut mhix kredibbli. Din il-konklużjoni t-Tribunal wasal għaliha wara li qies li: (i) mill-filmat tas-sigurta' eżibit, jidher ċar li l-kaxxiera Janice Vassallo kkonsenjat erba' boroż issiġillati lill-konvenut, u li l-konvenut kien qed isegwi sewwa x'kienet qed tagħmel il-kaxxiera – mhux kif qal hu – u ffirma wara li l-kaxxiera kkompletat il-verifika tal-boroż tal-flus quddiemu; (ii) għal għajn it-Tribunal, in-numru '8' fit-tielet numru li jaqra komplessivament '3317168' fil-paġna tad-djarju għall-jum tal-24 ta' Frar mhux kitba oriġinali bħall-bqija tan-numri; (iii) il-konvenut iffirma fuq erba' riċevuti tal-boroż li kkonsenjatlu l-kaxxiera, u l-erba' boroż kellhom numri differenti; (iv) in-numru tal-borża li ma ġietx konsenjata huwa n-numru li huwa nieqes mid-djarju, u d-differenza bejn dan in-numru u n-numru li jidher miktub darbtejn jinsab fl-istess n-numru '8' li għal għajn it-Tribunal il-veraċita' tiegħu tidher dubjuża; (v) il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Saviour Ghirxi, Wayne Mizzi u Joseph Mizzi hija l-istess, fuq il-fatti kruċjali, u tikkuntradiċi għal kollox il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-konvenut, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' x'ġara fil-mument meta l-

konvenut ikkonsenja erba' boroż tal-flus, minflok tlieta, lil Saviour Ghirxi. It-Tribunal ma jemminx li Ghirxi u Mizzi ma tawx każ li s-soċjeta' attriċi irċeviet eluf ta' Ewro anqas milli kellha tirċievi, u li baqgħu ma għamlu xejn għal ġranet sħaħ. Il-verżjoni mġoħtija minn Ghirxi, u Wayne Mizzi u Joseph Mizzi għandha aktar mis-sewwa u taqbel ukoll ma' dak li t-Tribunal seta' jara li ġara fil-filmat eżibit fl-atti.

It-Tribunal pero' ma jistax ma jinnotax li l-proċedura ta' verifika mħaddma mis-soċjeta' attriċi jistħoqqilha tiġi mtejjba. It-Tribunal fl-ewwel lok ma jifhimx għaliex il-kaxxiera ma żżommx kopja tal-paġna tad-djarju, fejn hija tkun kitbet, u fejn ix-xufier ikun iffirma, aktar u aktar meta din il-kopja llum tista' faċilment tinzamm b'mod elettroniku. Inoltre, it-Tribunal ma jifhimx kif is-soċjeta' attriċi ma eżiġietx li jiġi konsenjat lura lilha d-djarju miżmum mill-konvenut mat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Aktar minn hekk, it-Tribunal ma jifhimx kif min huwa responsabbli mill-verifika tal-kontenut tad-djarju mal-boroż tal-flus konsenjati ma setax iwieġeb għal li n-numri tas-sigurta' reġistrati fuq il-boroż tal-flus suppost huma uniċi, u mbagħad jiffiġuraw aktar minn darba, f'diversi okkażjonijiet, f'dati differenti. Dan kollu t-Tribunal qed jirreġistraħ mhux għaliex jimpinġi fuq il-konklużjoni tiegħu ta' fatt f'dan il-każ partikolari, imma għaliex jidhirlu li huwa kompitu tas-soċjeta' attriċi, fl-interess aħħari tagħha, li topera b'sistemi organiżżati tajjeb li jippermettulha tissorvelja sew l-andament tax-xogħol, u l-imġieba tal-ħaddiema tagħha, b'mod kontinwu u regolari.

Għar-raġunijiet kollha hawn spjegati, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, u jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma mitluba ta' elfejn, tmien mija, disgħa u ħamsin Ewro, disgħa u sebgħin ċenteżmu (€2,859.79ċ), bl-imgħax kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**